IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.1.2013
COM(2013) 4 final

2013/0005 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fit-23 ta' Marzu 2009 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Federazzjoni Russa dwar Ftehim rigward il-prekursuri tad-droga. Wara t-tnedija tan-negozjati f'Settembru 2009, saru erba' sessjonijiet ta' negozjar. F'Settembru 2012, it-test tal-Ftehim ġie finalment miftiehem bejn il-Partijiet.

Dan il-Ftehim huwa mmirat li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa biex jiġi evitat l-iżvijar tal-prekursuri tad-drogi mill-kummerċ legali kontra l-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

Minħabba li dan il-Ftehim jista' kultant jimplika skambju ta' dejta personali, huwa jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-dejta sabiex jipprovdu protezzjoni biżżejjed għaċ-ċittadini fl-użu tad-dejta tagħhom.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-test huwa skont id-direttivi tan-negozjati.

Għalhekk il-Kummissjoni mistiedna tadotta l-proposta mehmuża għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

Fl-istess ħin, proposta separata għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' dan il-Ftehim qed tiġi ppreżentata wkoll.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri kienu informati b'mod regolari dwar l-abbozz tal-Ftehim fi ħdan il-Grupp/Kumitat ta' Ħidma dwar il-Prekursuri tad-Drogi u fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Unjoni Doganali.

Ma kien hemm l-ebda bżonn li ssir valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-Kunsill hu mitlub li jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni tal-abbozz tal-Ftehim ibbażata fuq l-Artikolu 207 (4) flimkien mal-Artikolu 218 (6) (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta taqa' taħt il-politika komuni tal-kummerċ, li hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni.

5. OĦRAJN

L-abbozz tal-Ftehim huwa konsistenti mal-politika tad-droga deskritta fl-Istrateġija tal-UE għad-Drogi 2005-2012, billi tipprevedi azzjoni għat-tnaqqis tal-provvista ta' prekursuri, u, b'hekk, tnaqqas il-produzzjoni tad-drogi.

Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-abbozz tal-Ftehim hija ppreżentata fl-istess waqt li qed titressaq din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-abbozz ta' Ftehim.

2013/0005 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom biex jevitaw l-iżvijar tal-prekursuri tad-drogi mill-kummerċ legali kontra l-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' […][2], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim" ġie ffirmat fil-[…], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(3) Il-Ftehim għandu jiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari livell ogħli ta' protezzjoni għall-ipproċessar u t-trasferiment tad-dejta personali bejn il-Partijiet.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU L , , p. .

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, skont l-avviż previst fl-Artikolu 11 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha[3].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[3] Id-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

ANNESS

FTEHIM

BEJN L-UNJONI EWROPEA

U L-FEDERAZZJONI RUSSA

DWAR PREKURSURI TAD-DROGA

L-UNJONI EWROPEA

min-naħa waħda, u,

L-FEDERAZZJONI RUSSA,

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejħa bħala "Il-Partijiet",

FIL-QAFAS tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988 kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni tal-1988";

IDDETERMINATI li jevitaw u jiġġieldu kontra l-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi bil-prevenzjoni tal-iżvijar mill-kummerċ leġittimu ta' sustanzi użati ta' spiss fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prekursuri");

B'KUNSIDERAZZJONI tal-qafas legali globali bejn il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JINNUTAW li l-kummerċ internazzjonali jista' jintuża għall-iżvijar ta' prekursuri bħal dawn;

KONVINTI dwar il-ħtieġa li jiġu konklużi u implimentati ftehimiet bejn il-Partijiet ikkonċernati, bl-iskop li tiġi stabbilita kooperazzjoni wiesgħa, b'mod partikolari li jikkonċernaw il-kontrolli tal-esportazzjoni u l-importazzjoni;

FILWAQT LI JAGĦRFU li l-użu prinċipali u mifrux tal-prekursuri huwa għal skopijiet leġittimi u li l-kummerċ internazzjonali ma għandux jiġi mfixkel minn proċeduri eċċessivi ta' monitoraġġ.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Ambitu tal-Ftehim

1. Dan il-Ftehim ifassal miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet biex jiġi evitat l-iżvijar mill-kummerċ leġittimu ta' prekursuri, mingħajr preġudizzju għall-kummerċ leġittimu f'dawn il-prekursuri.

2. Il-Partijiet jgħinu lil xulxin, kif stipulat f'dan il-Ftehim, b'mod partikolari billi:

– jagħmlu monitoraġġ tal-kummerċ bejn il-Partijiet ta' prekursuri bil-għan li jipprevjenu l-użu tagħhom għal skopijiet illeċiti,

– jipprovdu assistenza reċiproka għall-finijiet ta' prevenzjoni tal-iżvijar ta' prekursuri bħal dawn.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu japplikaw għall-prekursuri elenkati fl-Anness I ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem msemmija bħala "prekursuri skedati").

Artikolu 2

Il-miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-Partijiet jinfurmaw lil xulxin bil-miktub dwar l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom. Dawn l-awtoritajiet jikkomunikaw direttament ma' xulxin għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jinfurmaw lil xulxin dwar id-dispożizzjonijiet legali rispettivi tagħhom u miżuri oħra applikati biex jimplimentaw dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Monitoraġġ tal-kummerċ

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet jinfurmaw lil xulxin fuq inizjattiva tagħhom kull meta jkollhom raġunijiet motivati biex jemmnu li prekursuri skedati f'kummerċ leġittimu bejn il-partijiet jistgħu jiġu żvijati għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

2. Fir-rigward tal-prekursuri skedati l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li qiegħda tesporta tibgħat notifika ta' qabel l-esportazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 (10) punt a) tal-Konvenzjoni tal-1988 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta.

It-tweġiba bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta tiġi pprovduta permezz ta' mezzi tekniċi ta' kominikazzjoni fi żmien 21 jum wara li tkun irċeviet il-messaġġ mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta. In-nuqqas ta' tweġiba fi żmien dan il-perjodu għandu jitqies daqs li kieku m'hemm l-ebda oġġezzjoni biex tintbagħat il-konsenja. Kull oġġezzjoni tiġi nnotifikata bil-miktub permezz ta' mezzi tekniċi ta' komunikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta f'dan il-perjodu wara li jirċievu notifika ta' qabel l-esportazzjoni u jingħataw ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni.

Artikolu 4

Assistenza reċiproka

1. Fl-ambitu ta' dan il-ftehim il-Partijiet jipprovdu lil xulxin assistenza reċiproka permezz ta' skambju ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 (10) punt a) tal-Konvenzjoni tal-1988 biex jevitaw l-iżvijar tal-prekursuri skedati għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi. Skont il-leġislazzjoni tal-Partijiet, huma jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw l-iżvijar.

2. Il-Partijiet ukoll jipprovdu lil xulxin fuq talba bil-miktub jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess assistenza reċiproka jekk ikun hemm raġunijiet li wieħed jemmen li informazzjoni rilevanti oħra hija ta' interess għall-Parti l-oħra.

3. It-talba jkun fiha informazzjoni dwar dan li ġej:

- l-għan u l-bażi tat-talba;

- il-ħin tal-eżekuzzjoni mistennija tat-talba;

- informazzjoni oħra li tista' tintuża għall-eżekuzzjoni tat-talba.

4. It-talba diretta bil-miktub fuq il-letter head uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tagħmel it-talba tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Parti li ssirilha t-talba u tiġi ffirmata minn persuni debitament awtorizzati tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tagħmel it-talba.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba jieħdu l-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni sħiħa tat-talba malajr kemm jista' jkun.

6. It-talbiet għal assistenza jiġu eżegwiti skont il-leġislazzjoni tal-Parti li ssirilha t-talba.

7. L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba malajr kemm jista' jkun tinforma l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tagħmel it-talba dwar iċ-ċirkostanzi li jipprevjenu jew idewmu l-eżekuzzjoni tat-talba.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tagħmel it-talba jiddikjaraw li ma jkunx hemm aktar ħtieġa biex titlesta t-talba, dawn jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba skont dan.

8. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw ma' xulxin biex jimminimizzaw ir-riskju ta' konsenji illeċiti ta' prekursuri li jiddaħħlu jew jinħarġu mit-territorju tal-Federazzjoni Russa u mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

9. L-assistenza provduta skont dan l-Artikolu ma għandhiex tkun ta' preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-assistenza bejn xulxin fil-kwistjonijiet kriminali u ta' estradizzjoni, u lanqas tapplika għall-informazzjoni miksuba permezz tas-setgħat eserċitat skont it-talba tal-awtorità ġudizzjarja, ħlief meta l-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din tkun awtorizzata minn dik l-awtorità.

Artikolu 5

Il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta

1. Il-Partijiet jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni riċevuta. Jekk huwa impossibbli li jiżguraw il-kunfidenzjalità tat-tagħrif mitlub, il-Parti li qed titlob l-informazzjoni tinforma lill-Parti l-oħra kif xieraq li tiddeċiedi jekk tipprovdix l-informazzjoni fuq dawn il-kundizzjonijiet.

2. Informazzjoni miksuba skont dan il-Ftehim, inkluża dejta personali, tintuża biss għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim u ma tinżammx iktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom hija trasferita skont dan il-Ftehim.

3. B'deroga għall-paragrafu 2, l-użu ta' informazzjoni, inkluża dejta personali, għal skopijiet ulterjuri mill-Awtoritajiet jew korpi pubbliċi tal-Parti li tirċievi l-informazzjoni jiġi awtorizzat biss wara approvazzjoni espressa minn qabel u bil-miktub tal-awtorità tal-Parti li ttrasmettiet l-informazzjoni skont il-leġiżlazzjoni ta' dik il-Parti. Tali użu imbagħad ikun suġġett għal kull kundizzjoni stabbilita minn dik l-awtorità.

4. Il-Partijiet jistgħu fi proċeduri istitwiti minħabba nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni dwar prekursuri skedati jużaw bħala evidenza l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim wara l-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba li pprovdiet id-dejta.

5. Fil-każ li jkun hemm skambju ta' dejta personali, l-ipproċessar tagħha jikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II li huma obbligatorji għall-Partijiet għall-Ftehim.

Artikolu 6

Eċċeżżjonijiet għall-obbligazzjoni tal-għoti ta' assistenza reċiproka

1. Id-dispożizzjoni tal-assistenza tista' tiġi rrifjutata jew tista' tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet jew rekwiżiti, f'każijiet fejn Parti tkun tal-opinjoni li l-assistenza skont dan il-Ftehim aktarx li tippreġudika s-sovranità, is-sigurtà, il-politika pubblika jew interessi essenzjali oħra tal-Federazzjoni Russa jew dik ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkun intalab biex jipprovdi assistenza skont dan il-Ftehim.

2. Għall-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba u r-raġunijiet għalhekk iridu jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-

Parti li tagħmel it-talba malajr kemm jista' jkun.

Artikolu 7

Kooperazzjoni fir-rigward prekursuri li ma jkunux elenkati fl-Anness I

1. Il-Partijiet jistgħu, fuq bażi volontarja, jiskambjaw informazzjoni dwar prekursuri mhux elenkati fl-Anness I ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem msemmija bħala "prekursuri mhux skedati").

2. Fil-każ tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 (2) – (9) japplikaw.

3. Il-Partijiet jistgħu jiskambjaw il-listi tagħhom ta' prekursuri mhux skedati.

Artikolu 8

Kooperazzjoni teknika u xjentifika

Il-Partijiet jikkooperaw fl-identifikazzjoni ta' metodi ġodda ta' żvijar kif ukoll dwar kontromiżuri xierqa, li jinkludu kooperazzjoni teknika u b'mod partikolari, taħriġ u programmi ta' skambju għall-uffiċjali kkonċernati, biex isaħħu l-istrutturi amministrattivi u ta' infurzar f'dan il-qasam u jippromwovu l-kooperazzjoni man-negozji u l-industrija.

Artikolu 9

Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu

1. Skont dan il-Ftehim, Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu huwa hawnhekk stabbilit li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu".)

2. Il-Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu jagħmel rakkomandazzjonijiet b'kunsens.

3. Il-Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu jiltaqa', f'data, post u bi programm iffissati b'kunsens.

4. Il-Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu jamministra dan il-Ftehim u jiżgura li jiġi implimentat kif xieraq. Għal dan il-għan:

– Jindirizza mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim,

– Jistudja u jirrikkmanda miżuri ta' kooperazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8,

– Jistudja u jirrikkmanda forom oħra possibbli ta' kooperazzjoni,

– Jikkunsidra kwistjonijiet oħra tal-Partijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Grupp ta' Esperti Konġunt ta' Segwitu jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet għal emendi għal dan il-Ftehim lill-Partijiet.

Artikolu 10

Obbligazzjonijiet skont ftehimiet internazzjonali oħra

1. Sakemm dan il-Ftehim ma jipprevedix mod ieħor, id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jaffettwawx l-obbligi tal-Partijiet taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor.

2. L-iskambju ta' informazzjoni sigrieta huwa regolat bil-Ftehim bejn il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata[4].

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim internazzjonali bilaterali jew multilaterali li jkopri l-prekursuri tad-droga bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri tal-UE.

4. Il-Partijiet jinfurmaw lil xulxin dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-kwistjonijiet imsemmija qabel ma' pajjiżi oħra.

5. Dan il-Ftehim jitqies u jiġi interpretat fil-kuntest tal-qafas legali ġenerali fis-seħħ bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa, inkluż fir-rigward ta' kull obbligu li jinsab fih.

[4] ĠU L 155, 22.6.2010.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika bil-miktub tal-Partijiet dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom li huma meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 12

It-tul, id-denunzja u l-emendi

1. Dan il-Ftehim jiġi konkluż għal ħames snin u fit-tmiem tagħhom jiġi mġedded awtomatikament/b'mod taċitu għal perjodi ta' ħames snin suċċessivi oħra sakemm waħda mill-Partijiet, mhux aktar tard minn 6 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin rilevanti ma tinnotifikax lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tittermina dan il-ftehim preżenti.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat b'kunsens reċiproku bejn il-Partijiet.

Artikolu 13

Spejjeż

Kull Parti tħallas l-ispejjeż li ġġarrab li jirriżultaw mill-miżuri biex jimplimentaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Data

b'żewġ kopji fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan, Ungeriż u Russu, fejn kull wieħed minn dawn it-testi għandhom l-istess

awtentiċità.

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Federazzjoni Russa

ANNESS I

Anidrid Aċetiku

Aċeton

Aċidu Antraniliku

Efedrin

Ergometrina

Ergotamina

Etile tal-Etere

Aċidu Idrokloriku

Isosafrol

Aċidu Liserġiku

3,4-Methylenedioxyphenyl-2-propanon

Metil Etil Keton

Aċidu N-Aċetilantraniliku

Norefedrin

Aċidu Fenilaċetiku

1-Fenil-2-propanon

Piperidina

Piperonal

Permanganat tal-Potassju

Pseudofedrin

Safrole

Aċidu Sulfuriku

Toluwen

Nota: Il-lista tal-prekursuri trid dejjem tinkludi referenza għall-melħ tagħhom, meta xieraq.

(bl-eċċezzjoni tal-imluħ ta' Aċidu Idrokloriku u Aċidu Sulforiku.)

ANNESS II

Id-definizzjonijiet u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan il-Ftehim, "dejta personali" tfisser kull informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;

"L-ipproċessar ta' dejta personali" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet imwettqa fuq dejta personali, kemm jekk b'mezzi awtomatiċi kif ukoll jekk le, bħall-ġbir, ir-reġistrar, l-organizzazzjoni, il-ħażna, l-adattament jew l-alterazzjoni, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar permezz ta' trażmissjoni, id-disseminazzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'mod ieħor, l-allinjament jew il-kombinazzjoni, l-imblukkar, it-tħassir jew il-qerda.

Prinċipji

"Il-kwalità tad-dejta u l-proporzjonalità": id-dejta tkun adegwata, preċiża, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni għall-finijiet li għalihom ġiet ittrasferita u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata. Il-Partijiet jiżguraw b'mod partikolari li l-eżattezza tad-dejta skambjata tiġi riveduta regolarment.

"Trasparenza": Suġġett tad-dejta jiġi pprovdut b'informazzjoni dwar l-iskopijiet tal-ipproċessar u l-identità tal-kontrollur tad-dejta, ir-riċevituri u l-kategoriji ta' riċevituri tad-dejta personali, l-eżistenza tad-dritt ta' aċċess u d-dritt ta' rettifika, it-tħassir jew l-imblukkar ta' dejta li tikkonċerna lilu/lilha, id-dritt għal riżorsi amministrattivi u ġudizzjarji u informazzjoni oħra safejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat ipproċessar ġust, sakemm din l-informazzjoni tkun diġà ġiet provduta mill-Partijiet għall-Ftehim.

"Drittijiet ta' aċċess, rettifika, tħassir u bblukkar ta' dejta": Is-suġġett tad-dejta jkollu d-dritt ta' aċċess dirett bla restrizzjoni għad-dejta kollha relatata miegħu li tkun ipproċessata u, kif xieraq, id-dritt għar-rettifika, t-tħassir jew l-imblukkar ta' dejta li l-ipproċessar tagħha ma jkunx konformi ma' dan il-Ftehim minħabba li d-dejta tkun mhux kompluta jew mhux korretta.

"Rimedji": Il-Partijiet jipprovdu li suġġett tad-dejta li jqis li d-drittijiet tiegħu/tagħha għall-privatezza jew li d-dejta personali li tikkonċerna lilu/lilha ġiet ipproċessata bi ksur għal dan il-Ftehim, ikollu d-dritt skont il-leġiżlazzjoni tagħhom għal rimedju amministrattiv effettiv quddiem awtorità kompetenti u rimedju ġudizzjarju quddiem tribunal indipendenti u imparzjali aċċessibbli minn individwi irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-pajjiż ta' residenza tagħhom.

Kwalunkwe ksur bħal dan ikun suġġett għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u xierqa inkluż kumpens għad-danni mġarrba b'riżultat ta' ksur tar-regoli tal-ħarsien tad-dejta. Fejn jinstab li d-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta jkunu nkisru, sanzjonijiet inkluż kumpens jiġu imposti skont ir-regoli domestiċi applikabbli.

Trasferimenti ulterjuri:

Trasferimenti ulterjuri ta' dejta personali lil awtoritajiet u korpi pubbliċi oħra ta' pajjiż terz jitħallew biss bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità li tkun trażmettiet id-dejta u għall-finijiet li għalihom id-dejta tkun ġiet trażmessa u jekk dan il-pajjiż jipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta. Soġġett għal limitazzjonijiet legali raġonevoli pprovduti mil-liġi nazzjonali, il-Partijiet jinformaw lis-suġġett tad-dejta dwar tali trasferiment ulterjuri.

Is-superviżjoni tal-ipproċessar tad-dejta: Il-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta minn kull Parti tiġi soġġetta għal kontroll permezz ta' awtorità pubblika indipendenti waħda jew aktar li jkollhom setgħat effettivi ta' investigazzjoni, intervent u biex jieħdu sehem fi proċeduri legali jew biex iġibu għall-attenzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti kwalunkwe vjolazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta ta' dan il-Ftehim. Kull awtorità pubblika indipendenti, b'mod partikolari, tisma' talbiet li jsiru minn kwalunkwe persuna li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali skont dan il-Ftehim. Il-persuna kkonċernata tiġi infurmata dwar ir-riżultat tat-talba.

Eżenzjonijiet mit-trasparenza u d-dritt ta' aċċess: Il-Partijiet jistgħu jirrestriġu d-dritt ta' aċċess u l-prinċipji ta' trasparenza skont il-leġiżlazzjoni tagħhom meta meħtieġ sabiex:

- ma jipperikolawx investigazzjoni uffiċjali,

- ma jiksrux id-drittijiet tal-bniedem ta’ persuni oħra.